# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 14 ta' Gunju, 2001**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 1718/94 JF**

**Saviour Farrugia bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta, li b'digriet tad-9 ta' Frar 1998 nbidlet f'Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Anthony Polidano f'ismu proprju u Charles Polidano bhala direttur**

**ghan-nom u in rapprezentanza ta' Polidano Bros. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fl-14 ta' Mejju 1993, il-konvenut pro et nomine ghamel hsara fil-"cables" proprjeta' tal-attur nomine waqt li kien qed jezegwixxi xoghlijiet fi Triq tal-Barrani, Tarxien,

U premess illi dawn il-hsarat irrizultaw mit-traskuragni u nuqqas ta' hila fis-sengha tal-konvenut pro et noe li anke ammetta r-responsabbilta' mal-Pulizija li nvestigaw ir-rapport maghmul mill-attur noe fir-rigward, (Dok A)

U premess illi l-attur noe sewwa l-hsarat sofferti minnu a spejjez tieghu,

U premess illi nterpellat sabiex jaddivjeni ghall-hlas tad-danni ammontanti komplessivament ghal Lm4,056.35 (erbat elef u sitta u hamsin lira u hamsa u tletin centezmu) kif ahjar indikat mill-kontijiet hawn esebiti a Dok B, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talab li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti proprio et nomine responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur noe fil-“cables” tieghu gewwa Triq it-Turisti, Bugibba.

2. Tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta’ Lm4,065.35 jew somma ohra verjuri li tirrizulta.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur noe id-danni likwidati skond it-tieni talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-15 ta’ Novembru 1993 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Polidano bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Polidano Bros. Ltd. Fejn eccepew:

1. Illi l-eccipjent ma hux responsabbli ghall-incident u ghad-danni pretizi mill-Korporazzjoni attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Polidano f'ismu proprju fejn eccepixxa:

1. Illi fil-kwalita' tieghu personali qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-korporazzjoni attrici; dejjem innegozja taht Polidano Bros. Limited; fil-konfront tieghu personali t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti; il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li din hija azzjoni tad-danni in konsegwenza ta' hsarat konsistenti fi qliegh ta' "cables" li jappartjenu lill-korporazzjoni attrici. L-istess korporazzjoni kkwantifikat b'dokumenti – ara Dok B u C a fol. 23 sa 26 tal-process – ghall-ammont komplessiv ta' Lm4,056.35c (erbat

elef u sitta u hamsin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu). Mill-provi akkwiziti jirrizulta bic-car u inekwivokabilment li l-hsarat fuq imsemmija sehhew fl-14 ta' Mejju 1993 meta mpjegati tas-socjeta' konvenuta kienu qeghdin jesegwixxu xoghlijiet bil-"hymac" fi Triq il-Barrani, limiti ta' Hal-Tarxien. Wara l-akkadut gew infurmati immedjatament il-Pulizija tal-lokal u hemm rapport ta' l-okkorrenza – ara Dok A, a fol. 22, fl-atti tal-process – li jindika dan kollu bl-aggunta li dawn ix-xoghlijiet kienu qeghdin jigu esegwiti minn "Polidano Bros. of Hal-Farrug Road, Mqabba". In segwitu l-Pulizija kellmu lil Anthony Polidano ta' Polidano Bros. u skond l-istess okkorrenza dan qalilhom (i.e. lill-Pulizija),

> *"that the cables were damaged accidentally by one of his hymacs <u>and he was going to make good for the damages caused</u>, <u>in fact</u> he signed a declaration to this effect …." (sottolinear tal-Qorti)*

A fol. 33, permezz tad-Dok MB giet esebita kopja fotostatika, pero' kkonfermata bil-gurament mill-Ispettur Mario Bonello li fiha l-firma tal-konvenut Anthony Polidano u li tikkonsisti f'dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' l-akkadut bl-obbligazzjoni li d-danni jithallsu lid-danneggjat.

Illi fost ix-xhieda gie prodott l-Inginier Joseph Cachia inkarigat mix-xoghlijiet mis-socjeta' konvenuta pero' x-xhieda tieghu, intiza biex tiskolpa lis-socjeta' konvenuta, m'hijiex wahda attendibbli. Ix-xhud ried

jaghti lill-Qorti x'tifhem li d-danni saru ghax flok konkrit kien hemm gebel fil-parti li thaffret u li kien hemm indikazzjonijiet zbaljati minn rapprezentanti tal-Enemalta. Pero' mistoqsi biex jghid ma' min tkellem, ix-xhud ma jiftakar lil ebda persuna bi precizjoni u x-xhieda tieghu hija fjakka hafna.

M'hemm ebda dubju li hemm ghalhekk ness ta' kawza u effett bejn ix-xoghol maghmul u intrapriz mis-socjeta' konvenuta Polidano Bros. Ltd. u d-danni kkagjonati lill-"cable" tal-Enemalta. Il-kwistjoni li tibqa' hija jekk kienx hemm ukoll xi relazzjoni guridika ta' responsabbilta' li kienet testendi ghal fuq Anthony Polidano proprio. Illi huwa minnu li l-ammissjoni ffirmata mal-Pulizija turi <u>biss</u> l-isem ta' Anthony Polidano bhala firmatarju pero' kien jidher evidenti minn dejjem, u anke mal-Pulizija li dak kollu li sar bhala xoghlijiet, u l-ingenji uzati u l-impjegati nvoluti, li kollox kien jappartjeni lis-socjeta' konvenuta Polidano Bros. Ltd. u kull intromissjoni da parti Anthony Polidano kien ghan-nom tas-socjeta;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok <u>tilqa</u>' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Polidano proprio u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju billi tiddikjarah li ma kienx bl-ebda mod responsabbli ghall-akkadut u dana a spejjez tas-

socjeta' attrici; fit-tieni lok tilqa' t-talbiet kollha attrici fil-konfront u kwantu dirett kontra s-socjeta' Polidano Bros. Ltd. u ghalhekk tikkundanna lill-istess socjeta' illi thallas lill-attur nomine l-ammont mitlub fl-att tac-citazzjoni bl-ispejjez gudizzjarji relativi kontra s-socjeta' konvenuta u bl-interessi legali fuq l-ammont imsemmi ta' Lm4,056.35c dovuti u kalkolabbli mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md